# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 56

L-Erbgħa, 19 ta' Lulju, 2023

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Clyde Cauchi – Ambaxxatur taz-zghazagh

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 56.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

56.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

56.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 56.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

56.1.1 Is-Sindku ppropona li napplikaw għall-applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/4/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 56.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

56.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li t-tabelli sabiex ma jgħumux l-klieb li jsiru mill-Ministeru għadhom ma sarux. Hu kompla jgħid li hu diżgużtat bil-ħmieġ li qed issib wara l-klieb. Sar qbil li nistennew ftit taż-żmien u jekk ma jsirux, jagħmilhom il-Kunsill u jibgħat il-kont lill-Ministeru. Il-Kunsill qabel unanimament.

56.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li wara x-xogħol li sar mill-Enemalta, it-triq għadhom ma irranġawiex. Is-Sindku qal li qalilhom kemm il-darba sabiex jiġu jirranġaw.

56.3.3 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li l-culverts ta' Triq il-Wileġ hemm bżonn jitnaddfu għaliex hemm xi rwejjaħ, wirdien u nemus. Is-Sindku qal li jaqbel u ippropona li jitnaddfu l-culverts ta' Triq id-Duluri, Triq il-Wileg u Daħlet il-Ġnien. Il-Kunsill qabel unanimament.

56.3.4 Il-Kunsillier Joseph Cauchi qal li hemm bżonn tabella 'Keep Clear' fid-Dwejra, speċjalment fejn sqaq bejt il-blat u boathouses. Il-Kunsill qabel unanimament.

56.3.5 Il-Kunsillier Carmela Grima qalet li t-toilets tad-Dwejra xorta qed jitbattlu ħin li jkunu bdew jiffrekwentaw in-nies. Is-Sindku qal li lilu ukoll ċemplulu diversi nies b'din is-sitwazzjoni u qalilhom ikellmu lill-Ministeru għaliex huma responsabbli minnhu.

56.3.6 Il-Kunsillier Carmela Grima qalet li fejn ivaraw, il-planki m'humiex indaqs u jistgħu ikunu ta' periklu għall xi ħadd.

## 56.4 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull Kwart;

56.4.1 Is-SE qalet li minħabba raġunijiet personali, ir-rapport għadu ma tlestix mill-accountant pero għandu jitlesta daqt.

## 56.5 Rikonoxximent lill-Lara Calleja;

56.5.1 Is-Sindku ippropona li nagħtu rikonoxximent f'forma ta' plakka lis-Sja Calleja għad-diversi medalji li rebħet f'isem Malta. Kunsill qabel unanimament tingħata r-rikonoxximent fil-Festival tal-Festa.

## 56.6 Festa 2023;

56.6.1 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE kellhom laqgħa mal-hawkers fejn itellgħu bix-xorti l-postijiet il-ġodda fi-Triq San Lawrenz fejn mhux se jkunu ta' ostakolu quddiem garaxxijiet jew jeskomodaw ir-residenti. Sar qbil ukoll li l-hawkers iżommu l-istess postijiet għas-sena ta' wara.

56.6.2 Is-Sindku propona li nagħtu €250.00 sabiex titella serata għat-tfal ta' żmien il-festa flimkien mal-Parroċċa. Il-Kunsill qabel unanimament.

56.6.3 Is-Sindku propona li nagħtu rigal ta' ktieb, massimu ta €15.00 kull ktieb, lil gradwanti kollha minn San Lawrenz. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 56.7 Keep Fit Courses;

56.7.1 Is-Sindku qal li se jibda jipprepara l-avviżi sabiex toħroġ is-sejħa għal dawk li jixtiequ japplikaw għal courses. Dawn se jibdew f'Settembru. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 56.8 Ħatra tal-Kumitat tal-Events tal-Organizzazzjoni tal-Proġett 'Event for All Seasons';

56.8.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva l-istedina tal-Acceptance Letter tal-GAGF. Is-SE tkellmet dwar il-ħsibijiet tagħha rigward il-problema ta' cash flow u sitwazzjoni finanzjarja preżenti sabiex jitella dan l-avveniment. Il-Kunsill għamel kuntatt mas-Segretarju tal-fondazzjoni GAGF fejn qal li r-rimbors għall-avvenimenti jista jsir ftit ftit. Is-SE qalet hekk se jitaffa ftit l-piż finanzjarju pero xorta bħala Kunsill għandu jaħdem bil-galbu. Il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma l-acceptance letter.

56.8.1 Is-Sindku qal li qed jipproponi li naħtru Kumitat tal-Evets tal-Organizzazzjoni tal-Proġett 'Events for all Seasons', li jkun jinkludi fih membri mill-Football Club, Folk Group u Gozo Business Chamber. Il-Kunsill qabel unanimament

## 56.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

56.9.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

56.9.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 56.10.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

56.10.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:30 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 24 ta'Awissu 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv